A.L. 224 ta' l-2003

ATT TA' L-2002 DWAR L-IMPJIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (ATT NRU. XXII TA' L-2002)

Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa (Informazzjoni u Konsultazzjoni)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 35 ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali għamel ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti għandu jkun Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa (Informazzjoni u Konsultazzjoni).

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jtejjeb id-dritt ta' l-impjegati, f'intrapriżi ta' skala Komunitarja u ta' gruppi ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja, biex ikunu infurmati u kkonsultati permezz tat-twaqqif ta' Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa jew arranġamenti ekwivalenti biex jieħdu ħsieb l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati f'kull intrapriża u gruppi ta' intrapriżi ta' dix-xorta u biex jimplimentaw id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 94/45/EC.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru jista', b'ordni jew ordnijiet, jordna u jistgħu jkunu appuntati dati differenti għal disposizzjonijiet jew finijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti jew ta' setturi differenti ta' impjiegi.

Tifsir.

2. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"grupp ta' intrapriżi" tfisser intrapriża li tikkontrolla u l-intrapriżi kkontrollati minnha;

"grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja" tfisser grupp ta' intrapriżi li jkollu l-karatteristiċi li ġejjin:

- mill-inqas total ta' 1000 impjegat impjegati fi Stati Membri,

- mill-inqas żewġ gruppi ta' intrapriżi fi Stati Membri differenti, u

- mill-inqas intrapriża waħda ta' grupp b'mill-inqas 150 impjegat fi Stat Membru wieħed u mill-inqas intrapriża waħda oħra ta' grupp b'mill-inqas 150 impjegat fi Stat Membru ieħor;

"intrapriża" tfisser kull forma ta' attivita` ekonomika.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx titlob mod ieħor, it-tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

(3) Il-livelli preskritti biex jiddeterminaw jekk intrapriża hix intrapriża ta' skala Komunitarja jew grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja, għandhom ikunu bbażati fuq in-numru ta' impjegati li jkunu impjegati mill-intrapriża jew mill-grupp ta' intrapriżi li, għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, għandu jkun ikkalkulat kif ġej:

(a) fil-każ ta' impjegati f'Malta, skond il-medja ta' impjegati li kienu impjegati tul il-perijodu ta' sentejn li jagħlaq fl-aħħar ġurnata tax-xahar li jiġi qabel ix-xahar li ma tulu tkun saret talba skond ir-regolament 4, kemm jekk dawn l-impjegati jkollhom kuntratt definit kemm jekk dan ikun wieħed indefinit, u jinkludi impjegati *part-time* li l-impjieg *part-time* tagħhom ikun l-impjieg ewlieni tagħhom u li fir-rigward tiegħu jridu jitħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali,

Kap.318.

(b) fil-każ ta' impjegati fi Stati Membri oħra, skond il-medja ta' impjegati li jkunu ġew impjegati tul perijodu ta' sentejn kif imsemmi fil-paragrafu preċedenti skond il-liġijiet viġenti u, jew li jkunu skond il-prattika f'dak l-istat li jdaħħlu fis-seħħ id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-UE 94/45/EC.

(4) Il-ħila ta' intrapriża li teżerċita influwenza dominanti għandha tkun preżunta, sakemm ma jkunx ippruvat il-kuntrarju, meta, f'relazzjoni ma' intrapriża oħra, direttament jew indirettament, intrapriża:

(i) jkollha maġġoranza tal-kapital sottoskritt ta' dik l-intrapriża; jew

(ii) tkun tikkontrolla maġġoranza tal-voti marbutin mal-kapital ta' ishma maħruġ ta' dik l-intrapriża; jew

(iii) tista' tappunta aktar minn nofs il-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew ta' superviżjoni ta' dik l-intrapriża.

(5) Għall-finijiet tal-paragrafu 4(ii) ta' dan ir-regolament, id-drittijiet li l-intrapriża li tikkontrolla jkollha fir-rigward tal-votazzjoni u ħatriet, għandhom jinkludu d-drittijiet ta' kull intrapriża kkontrollata oħra tagħha u dawk ta' kull persuna li taġixxi f'isimha jew korp li jaġixxu f'ismu iżda f'isem l-intrapriża li tikkontrolla jew f'isem xi intrapriża kkontrollata minnha oħra.

(6) Minkejja dak hawn qabel imsemmi f'dawn ir-regolamenti, intrapriża m'għandhiex titqies bħala intrapriża li tikkontrolla intrapriża oħra li jkollha ishma fiha meta l-intrapriża hawn qabel imsemmija l-ewwel tkun kumpannija li tissemma fl-Artiklu 3(5) (*a*) u (*ċ*) tar-Regolament tal-Kunsill (EEC) Num. 4964/89 tal-21 ta' Diċembru 1989, fuq il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn intrapriżi.

(7) Influwenza dominanti m'għandhiex tkun preżunta li tkun eżerċitata biss bis-saħħa tal-fatt li detentur ta' kariga jkun qed jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu, skond il-liġi ta' l-Istat Membru fejn tkun sitwata l-intrapriża, li tirrigwarda l-istralċ, ix-xoljiment, l-insolvenza, twaqqif ta' pagamenti, il-kompożizzjoni ta' krediturі jew proċeduri bħal dawk.

(8) Il-liġi applikabbli biex tiddetermina jekk intrapriża hix intrapriża li tikkontrolla għandha tkun il-liġi ta' l-Istat Membru li jrieġi dik l-intrapriża. Meta l-liġi li trieġi intrapriża ma tkunx dik ta' Stat Membru, il-liġi applikabbli tkun il-liġi ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun sitwat ir-rappreżentant ta' l-intrapriża jew, fin-nuqqas ta' dan r-rappreżentant, it-tmexxija ċentrali tal-grupp ta' l-intrapriża li jimpjega l-ogħla numru ta' impjegati f'xi wieħed mill-Istati Membri.

(9) Meta, fil-każ ta' konflitt ta' liġijiet fl-applikazzjoni tas-subregolament 4, żewġ intrapriżi jew aktar jissodisfaw xi wieħed jew aktar mill-kriterji mniżżlin f'dak is-subregolament, l-intrapriża li tissodisfa l-kriterju mniżżel fil-paragrafu 4(iii) ta' dan ir-regolament għandha titqies bħala l-intrapriża li tikkontrolla, bla preġudizzju għal kull prova li intrapriża oħra tista' tkun tista' teżerċita influwenza dominanti;

"intrapriża ta' skala Komunitarja" tfisser kull intrapriża b'mill-inqas 1000 impjegat fl-Istati Membri u li jkollha wkoll mill-inqas 150 impjegat f'mill-inqas żewġ Stati Membri;

"intrapriża li tikkontrolla" tfisser intrapriża li tista' teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra, hawn iżjed il quddiem imsejjħa l-intrapriża kkontrollata, bis-saħħa ta', fost raġunijiet oħra, propjetà, parteċipazzjoni finanzjarja jew ir-regoli li jreġuha;

"konsultazzjoni" tfisser l-iskambju ta' fehmiet u t-twaqqif ta' djalogu bejn rappreżentanti ta' l-impjegati u t-tmexxija ċentrali jew xi livell aktar adatt ta' tmexxija;

"Korp Negozjatur Speċjali" tfisser il-korp stabbilit skond ir-regolamenti 5 u 6 biex jinnegozja mat-tmexxija ċentrali dwar it-twaqqif ta' Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa jew ekwivalenti ieħor tiegħu proċedura għall-informazzjoni u konsultazzjoni ta' l-impjegati;

"Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa" tfisser il-kunsill stabbilit skond -

(a) id-disposizzjonijiet tar-regolament 7 jew regolament 8 u ta' l-Iskeda li tinstab ma' dawn ir-regolamenti,

(b) fejn hu adatt, id-disposizzjonijiet tal-liġi jew prattika ta' l-Istat Membru minbarra Malta li huma maħsuba biex idaħħlu fis-seħħ l-artikolu 6 jew l-artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' UE 94/45/EC u l-Anness li hemm magħha;

"rappreżentant ta' l-impjegati" tfisser jew ir-rappreżentant ta' l-*union* rikonoxxuta jew, fil-każ ta' impjegati li m'humiex f'*union*, ir-rappreżentant jew rappreżentanti eletti debitament minn fost l-impjegati;

"stabbiliment" f'dak li għandu x'jaqsam ma' intrapriża, tfisser diviżjoni ta' l-intrapriża separata fiżikament minn partijiet oħra ta' l-intrapriża;

"Stat Membru" tfisser stat membru ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' l-*Area* Ekonomika Ewropea;

"tmexxija ċentrali" tfisser it-tmexxija ċentrali ta' l-intrapriża jew, fil-każ ta' grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja, ta' l-intrapriża li tikkontrolla.

Responsabbiltajiet tat-tmexxija ċentrali.

3. (1) It-tmexxija ċentrali għandha tkun responsabbli biex toħloq u żżomm il-kondizzjonijiet u l-mezzi neċessarji għat-twaqqif ta' Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa, jew proċedura alternattiva ta' informazzjoni u konsultazzjoni, f'intrapriża ta' skala Komunitarja jew grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja meta:

(a) it-tmexxija ċentrali tkun tinstab f'Malta;

(b) it-tmexxija ċentrali ma tkunx tinstab fi Stat Membru u l-aġent rappreżentattiv tat-tmexxija ċentrali (li għandu jinħatar jekk ikun meħtieġ) ikun jinsab f'Malta; jew

(ċ) la t-tmexxija ċentrali u lanqas l-aġent rappreżentattiv tat-tmexxija ċentrali (kemm għaliex ikun maħtur kemm jekk le) ikun jinsab fi Stat Membru u –

(i) fil-każ ta' intrapriża ta' skala Komunitarja, ikun hemm impjegati fi stabbiliment, li jkun jinsab f'Malta, aktar impjegati min-numru ta' impjegati f'xi stabbiliment ieħor li hu sitwat fi Stat Membru ieħor, jew

(ii) fil-każ ta' grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja, ikun hemm impjegati f'intrapriża tal-grupp li tkun sitwata f'Malta aktar impjegati min-numru ta' impjegati f'xi intrapriża tal-grupp oħra li tkun sitwata fi Stat Membru ieħor,

u t-tmexxija ċentrali tibda, jew tkun meħtieġa tibda, negozjati għal Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa jew proċedura ta' informazzjoni u konsultazzjoni skond ir-regolament 5.

(2) Meta jkun li japplikaw iċ-ċirkustanzi deskritti fil-paragrafu (1)(b) jew (1)(ċ), it-tmexxija ċentrali għandha titqies, għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, bħala li qiegħda Malta u –

(a) l-aġent rappreżentattiv imsemmi fil-paragrafu (1)(b); jew

(b) it-tmexxija ta' l-istabbiliment imsemmija fis-subparagrafu (1)(ċ)(i) jew ta' l-intrapriża tal-grupp imsemmija fis-subparagrafu (1)(ċ)(ii),

għandhom jitqiesu, rispettivament, bħala t-tmexxija ċentrali.

(3) Ikun id-dmir tat-tmexxija ta' l-istabbilimenti ta' intrapriża ta' skala Komunitarja li tkun tinsab f'territorju Malti jew tat-tmexxija ta' intrapriżi li jiffurmaw parti minn grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja li jkunu jinsabu f'territorju Malti, skond il-każ, li tikkonforma mad-disposizzjonijiet rilevanti ta' dawn ir-regolamenti irrispettivament minn jekk it-tmexxija ċentrali tkunx tinsab Malta jew le.

Talbiet ta' impjegati għal informazzjoni.

4. (1) Impjegat jew rappreżentant ta' l-impjegati jista' jippreżenta talba bil-miktub għal informazzjoni mit-tmexxija ta' stabbiliment jew ta' intrapriża f'Malta, bl-iskop li jkun determinat jekk, fil-każ ta' stabbiliment, tkunx parti minn intrapriża ta' skala Komunitarja jew ta' grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja, jew, fil-każ ta' intrapriża, tkunx intrapriża ta' skala Komunitarja jew tkunx parti minn grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja.

(2) It-tmexxija ta' stabbiliment jew intrapriża li ssirilha talba taħt is-subregolament (1) għandha tagħti lill-impjegat jew lir-rappreżentant ta' l-impjegati li jkun għamel it-talba, informazzjoni fuq in-numru medju ta' impjegati li jkunu impjegati mill-intrapriża jew, skond il-każ, il-grupp ta' intrapriżi, f'Malta u f'kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra fis-sentejn li jiġu immedjatament qabel id-data tat-talba, u dan fi żmien xahar minn meta tasal it-talba.

(3) In-nuqqas li tingħata l-informazzjoni kif ipprovdut fis-subregolament preċedenti jew l-għoti ta' informazzjoni falza jew mhux kompleta għandu jitqies bħala reat kontra dawn ir-regolamenti.

Twaqqif ta' Korp Negozjatur Speċjali.

5. (1) Ikun id-dmir tat-tmexxija ċentrali li twaqqaf Korp Negozjatur Speċjali biex jinnegozja mat-tmexxija ċentrali t-twaqqif ta' Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa jew proċedura alternattiva għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni.

(2) It-tmexxija ċentrali għandha tibda tieħu passi biex taqdi l-obbligi msemmija fil-paragrafu preċedenti, jew

(a) b'inizjattiva tagħha stess, jew

(b) meta tirċievi talba jew talbiet bil-miktub mill-inqas minn total ta' 100 impjegat, jew mir-rappreżentanti ta' l-impjegati li mill-inqas jirrappreżentaw dak in-numru, f'mill-inqas żewġ intrapriżi jew stabbilimenti f'mill-inqas żewġ Stati Membri differenti, indirizzati jew lit-tmexxija ċentrali jew lit-tmexxija lokali, kemm jekk jaslu bħala talba waħda jew bħala numru ta' talbiet separati, f'data waħda jew f'dati diversi.

(3) It-tmexxija ċentrali għandha tibda negozjati mal-Korp Negozjatur Speċjali fuq it-twaqqif ta' Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa fi żmien sitt xhur mid-data tal-wasla ta' talba bil-miktub valida.

(4) Meta t-talba ssir lit-tmexxija lokali bis-saħħa tal-paragrafu 2(b), it-tmexxija lokali għandha tiżgura li t-talba tingħadda lit-tmexxija ċentrali fi żmien 15-il ġurnata minn meta tasal u kull dewmien li jista' jkun evitat jew mhux raġonevoli wara dak iż-żmien għat-trasmissjoni tat-talba lit-tmexxija ċentrali m'għandux minnu nnifsu jtawwal il-perijodu ta' sitt xhur imsemmi fil-paragrafu 2(ċ).

Funzjonijiet u proċeduri tal-Korp Negozjatur Speċjali.

6. (1) Il-funzjoni tal-Korp Negozjatur Speċjali għandha tkun li jinnegozja mat-tmexxija ċentrali biex isir ftehim bil-miktub ħalli jistabbilixxi l-iskop, il-kompożizzjoni, il-funzjonijiet u l-perijodu fil-kariga tal-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa jew arranġamenti alternattivi biex titwaqqaf proċedura għall-informazzjoni u konsultazzjoni ta' l-impjegati.

(2) Il-Korp Negozjatur Speċjali għandu jkun mill-inqas magħmul minn tliet membri li għandhom ikunu eletti jew maħtura skond il-kriterji li ġejjin:

(a) membru wieħed li jirrappreżenta lil kull Stat Membru li fih intrapriża ta' skala Komunitarja għandha stabbiliment jew aktar, jew li l-grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja jkollu l-intrapriża li tikkontrolla jew intrapriża kkontrollata waħda jew aktar; u

(b) membru addizzjonali ieħor minn Stat Membru fejn mill-inqas hemm impjegati 25% iżda inqas minn 50% ta' l-impjegati ta' l-intrapriża jew grupp ta' intrapriżi li huma impjegati fl-Istati Membri;

(ċ) żewġ membri addizzjonali minn Stat Membru fejn mill-inqas huma impjegati 50% iżda inqas minn 75% ta' l-impjegati ta' l-intrapriża jew grupp ta' intrapriżi li huma impjegati fl-Istati Membri;

(d) tliet membri addizzjonali minn Stat Membru li fih huma impjegati aktar minn 75% ta' l-impjegati ta' intrapriża jew grupp ta' intrapriżi li huma impjegati fl-Istati Membri.

(3) Rappreżentanti ta' l-impjegati minn pajjiżi li m'humiex Stati Membri jistgħu jitħallew jipparteċipaw fil-laqgħat u l-attivitajiet tal-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa jekk ikun hemm qbil dwar dan bejn it-tmexxija ċentrali u l-Korp Negozjatur Speċjali, iżda ma jkollhomx dritt għall-vot.

(4) Il-metodu ta' għażla tal-membri Maltin biex iservu fil-Korp Negozjatur Speċjali għandu jkun dak ta' elezzjoni minn fost kandidati eliġibbli li jissodisfaw il-kriterji mniżżlin fir-regolament 2(3)(a) u li fid-data tan-nomina tagħhom ma jkunux fil-perjodu ta' probazzjoni, u t-tmexxija ċentrali għandha taħtar persuna responsabbli biex taġixxi ta' kontrollur ħalli jieħu ħsieb il-proċess kollu tan-nomini u elezzjoni, u l-ispejjeż relatati mal-proċess tal-ħatra jew elezzjoni tal-Korp Negozjatur Speċjali għandhom isiru mit-tmexxija ċentrali.

(5) Id-data għan-nomina ta' kandidati, li għandha tkun stabbilita mill-kontrollur tal-votazzjoni, għandha tkun fi żmien xahrejn mid-data minn meta tkun saret it-talba biex jinbdew negozjati fuq ftehim biex jitwaqqaf Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa jew minn meta t-tmexxija ċentrali tkun ħadet id-deċiżjoni li tibda negozjati fuq inizjattiva tagħha nnifisha, skond liema data tiġi l-ewwel.

(6) Meta n-numru ta' kandidati fil-ġurnata tan-nomini jkun daqs in-numru ta' rappreżentanti li jridu jiġu eletti għall-Korp Negozjatur Speċjali, dawn għandhom jitqiesu awtomatikament maħturin fil-Korp Negozjatur Speċjali.

(7) Meta n-numru ta' kandidati fil-ġurnata tan-nomini jaqbeż in-numru ta' rappreżentanti li jridu jiġu eletti fil-Korp Negozjatur Speċjali, għandhom isiru arranġamenti mit-tmexxija biex issir votazzjoni sigrieta biex ikun elett in-numru meħtieġ ta' rappreżentanti.

(8) Arranġamenti biex issir din l-elezzjoni għandhom ikunu finalizzati mit-tmexxija ċentrali fi żmien xahar minn meta jiskadi l-perjodu msemmi fis-subregolament (5) u t-tmexxija ċentrali għandha tiżgura li l-proċess tan-nomini u l-elezzjoni nnifisha jkunu kkontrollati mill-kontrollur ta' l-elezzjoni. L-elezzjoni nnifisha, jekk tkun meħtieġa, għandha ssir fi żmien xahrejn mid-data meta jiskadi l-perjodu msemmi fis-subregolament (5).

(9) Kull impjegat li jkun impjegat fil-ġurnata jew ġranet ta' l-elezzjoni u jkun jissodisfa l-kriterji msemmija fir-regolament 2(3)(a) għandu jkun intitolat li jivvota f'din l-elezzjoni.

(10) Kull persuna tista' tressaq ilment bil-miktub fir-rigward ta' kull aspett relatat ma' l-elezzjoni ta' rappreżentanti fil-Korp Negozjatur Speċjali inkluża l-eliġibilità li wieħed jikkontesta l-elezzjoni, l-eliġibilità għall-vot jew l-organizzazzjoni ta' din l-elezzjoni, lid-Direttur responsabbli għar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi li għandu jinvestiga jekk dak l-ilment ikunx ibbażat kif għandu jkun, u li jista' jordna li jittieħdu miżuri xierqa minn kull persuna involuta biex jitneħħew ir-raġunijiet għal ilmenti li jkunu motivati kif imiss, u kull deċiżjoni meħuda mid-Direttur fuq kull materja relatata ma' l-organizzazzjoni ta' l-elezzjoni għandha tkun finali.

(11) Ikun id-dmir tal-kontrollur ta' l-elezzjoni li jgħaddi r-riżultati formali tal-proċess tan-nomini jew ta' l-elezzjoni li ssir biex jinħatar il-Korp Negozjatur Speċjali, skond il-każ, lit-tmexxija ċentrali u lit-tmexxija lokali kemm jista' jkun prattikament malajr, u f'kull każ fi żmien xahar wara d-data ta' l-elezzjoni jew ħatra tal-membri tiegħu.

(12) Bil-ħsieb li jintlaħaq il-ftehim imsemmi fir-regolament 7, it-tmexxija ċentrali għandha tlaqqa' laqgħa mal-Korp Negozjatur Speċjali u għandha tgħarraf b'dan lil dawk li jmexxu l-lokalitajiet diversi.

(13) Bla ħsara għas-subregolament (14), il-Korp Negozjatur Speċjali għandu jieħu d-deċiżjonijiet b'maġġoranza tal-voti mitfugħin

mill-membri tiegħu u kull membru tal-Korp Negozjatur Speċjali għandu jkollu vot wieħed.

(14) Il-Korp Negozjatur Speċjali jista' jiddeċiedi, b'mill-inqas żewġ terzi tal-voti, li ma jiftaħx negozjati skond is-subregolament (7) ta' dan ir-regolament, jew li jittermina n-negozjati diġà miftuħa, f'liema każ ma japplikawx id-disposizzjonijiet ta' l-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti.

(15) Talba ġdida għat-tlaqqigħ tal-Korp Negozjatur Speċjali tista' ssir mhux qabel sentejn wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni msemmija fis-subregolament (9) ta' dan ir-regolament, sakemm il-partijiet involuti ma jaqblux fuq perjodu iqsar.

(16) Għall-finijiet tan-negozjati, il-Korp Negozjatur Speċjali jista' jkun megħjun minn esperti li jagħżel hu nnifsu.

(17) Kull spiża raġonevoli relatata man-negozjati msemmija f'dan ir-regolament għandha titħallas mit-tmexxija ċentrali biex il-Korp Negozjatur Speċjali ikun jista' jaqdi l-funzjoni tiegħu kif imiss.

(18) Għall-finijiet tas-subregolament preċedenti, spejjeż raġonevoli għandhom jinkludu l-ispejjeż tal-laqgħat tal-Korp Negozjatur Speċjali, kemm mat-tmexxija ċentrali kemm mod ieħor, inklużi l-ispejjeż tal-materjal, tal-post, traduzzjonijiet, ivvjaġġar u akkomodazzjoni, u l-ispejjeż ekwivalenti għal espert wieħed għal kull laqgħa.

Kontenut tal-ftehim.

7. (1) It-tmexxija ċentrali u l-Korp Negozjatur Speċjali għandhom ikunu obbligati jinnegozjaw fi spirtu ta' koperazzjoni bil-ħsieb li jilħqu ftehim bil-miktub fuq arranġamenti dettaljati għall-informazzjoni u konsultazzjoni ta' impjegati f'intrapriża ta' skala Komunitarja jew fi grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja.

(2) It-tmexxija ċentrali u l-Korp Negozjatur Speċjali jistgħu jiddeċiedu bil-miktub li jistabbilixxu proċedura alternattiva ta' informazzjoni u konsultazzjoni flok Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa.

(3) Meta t-tmexxija ċentrali u l-Korp Negozjatur Speċjali jaslu għal ftehim li jagħmel arranġamenti għall-informazzjoni u konsultazzjoni ta' l-impjegati, kemm jekk dan jinvolvi t-twaqqif ta' Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa kemm proċedura alternattiva ta' informazzjoni u konsultazzjoni, il-ftehim għandu jistabbilixxi:

(*a*) l-intrapriżi tal-grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja, jew l-istabbilimenti ta' l-intrapriża ta' skala Komunitarja, koperti mill-ftehim,

(*b*) it-tul ta' żmien kemm idum il-ftehim u l-proċedura biex ikun negozjat mill-ġdid, u

(*ċ*) il-metodu li bih l-informazzjoni mgħoddija lir-rappreżentanti ta' l-impjegati għandha tingħadda lill-impjegati fl-Istati Membri differenti u l-opinjoni ta' l-impjegati dwar l-informazzjoni mgħoddija b'dan il-mod għandha tkun reġistrata irrispettivament minn f'liema Stat Membru tkun qiegħda t-tmexxija ċentrali.

(4) Meta ftehim jitlob it-twaqqif ta' Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa, għandu jistabbilixxi wkoll:

(*a*) il-kompożizzjoni tal-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa, in-numru ta' membri, l-allokazzjoni tas-siġġijiet u ż-żmien tal-kariga;

(*b*) il-funzjonijiet, u l-proċedura għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni, tal-Kunsill;

(*ċ*) il-post, il-frekwenza u t-tul tal-laqgħat tal-Kunsill; u

(*d*) ir-riżorsi finanzjarji u materjali li għandhom ikunu allokati lill-Kunsill.

(5) Meta ftehim jitlob it-twaqqif ta' proċedura alternattiva ta' informazzjoni u konsultazzjoni, għandu wkoll jiddetermina:

(*a*) x'għandha tkun dik il-proċedura,

(*b*) is-suġġetti ta' l-informazzjoni u konsultazzjoni,

(*ċ*) il-metodi li għandhom jintużaw biex ir-rappreżentanti ta' l-impjegati fl-Istati Membri differenti jistgħu jiltaqgħu biex jiskambjaw ideat dwar l-informazzjoni mgħoddija lilhom, u

(*d*) ir-riżorsi finanzarji u riżorsi oħra li għandhom ikunu allokati biex jiżguraw it-tħaddim ta' proċedura u li jsiru l-laqgħat imsemmija fil-paragrafu (ċ) ta' dan is-subregolament.

(6) Ftehim imsemmi fis-subregolament (3) jew (4) m'għandux ikun oġġett għad-disposizzjonijiet ta' l-Iskeda, ħlief sal-

limitu li l-partijiet jipprovdu fil-ftehim dwar l-applikazzjoni ta' wħud minn dawk il-ħtiġiet.

(7) Meta grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja jkun jikkonsisti f'intrapriża waħda jew aktar jew fi gruppi ta' intrapriżi li huma nnifishom intrapriżi ta' skala Komunitarja jew gruppi ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja, il-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa għandu jitwaqqaf fil-livell tal-grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja hawn qabel imsemmi, sakemm il-ftehim imsemmi fis-subregolament (3) ma jkunx jipprovdi mod ieħor.

(8) Sakemm ma jkunx ipprovdut skop usa' fil-ftehim imsemmi fil-paragrafu (1), is-setgħat u kompetenza tal-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa u l-iskop ta' proċedura ta' informazzjoni u konsultazzjoni għandhom, fil-każ ta' intrapriża ta' skala Komunitarja, ikopru l-istabbilimenti li jkunu jinsabu fl-Istati Membri u, fil-każ ta' grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja, l-intrapriżi tal-grupp kollha li jkunu qegħdin fl-Istati Membri.

(9) Il-Korp Negozjatur Speċjali għandu jibqa' jeżisti biss sakemm jibqa' jkollu l-funzjoni li jinnegozja ftehim li jwassal għat-twaqqif ta' Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa jew proċedura ta' informazzjoni u konsultazzjoni, u għandu jxolji awtomatikament malli jieqaf milli jkollu dik il-funzjoni.

Ħtiġiet sussidjarji.

8. (1) Il-ħtiġiet sussidjarji kif mniżżlin fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw jekk tibqa' għaddejja xi waħda mis-sitwazzjonijiet ta' hawn taħt:

(a) meta t-tmexxija ċentrali u l-Korp Negozjatur Speċjali jiddeċiedu hekk, jew

(b) meta t-tmexxija ċentrali tirrifjuta li tibda negozjati fi żmien sitt xhur mit-talba msemmija fir-regolament 5(1), jew

(ċ) meta, wara tliet snin mid-data ta' din it-talba, il-partijiet ma jkunux jistgħu jikkonkludu ftehim kif imniżżel fir-regolament 7 u l-Korp Negozjatur Speċjali ma jkunx ħa d-deċiżjoni li jipprovdi dwarha r-regolament 6(4).

(2) Meta l-ħtiġiet sussidjarji japplikaw għal intrapriża jew grupp ta' intrapriżi, it-tmexxija ċentrali għandha, fi żmien kemm jista' jkun prattikabbli iżda mhux aktar tard minn sitt xhur wara li jsiru applikabbli l-ewwel darba, tkun tikkonforma mal-ħtiġiet.

Informazzjoni konfidenzjali.

9. (1) Membri tal-Korp Negozjatur Speċjali u tal-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa, jew ta' xi korp ieħor stabbilit taħt dawn ir-regolamenti biex jiffaċilita l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ma' l-impjegati, u wkoll kull persuna li tkun qed tgħinhom, m'għandhomx jikxfu xi informazzjoni li tkun ingħatatilhom konfidenzjalment u din il-projbizzjoni għandha tapplika saħansitra wara li jiskadi ż-żmien tal-kariga tal-persuni involuti:

Iżda persuna tista', skond id-dmirijiet tagħha bħala membru, espert jew rappreżentant ta' l-impjegati fil-proċedura, tiżvela dik l-informazzjoni:

(*a*) lill-Korp jew lill-Kunsill li tiegħu kienet membru,

(*b*) lil xi rappreżentant ieħor ta' l-impjegati fil-proċedura, jew

(*ċ*) lill-membru, korp jew persuna li magħhom tkun jew kienet xi darba impjegata bħala konsulenta.

(2) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 4, it-tmexxija ċentrali m'għandhiex tkun obbligata tgħaddi ċerta informazzjoni lill-Korp Negozjatur Speċjali, lill-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa, jew f'konnessjoni ma' proċedura alternattiva ta' informazzjoni u konsultazzjoni -

(*a*) meta tista' turi li l-iżvelar x'aktarx li jippreġudika b'mod sinifikanti u ħażin il-qagħda ekonomika jew finanzjarja ta' intrapriża jew grupp ta' intrapriżi jew li jkun jikser xi regoli statutorji jew regolatorji, jew

(*b*) meta l-informazzjoni hija tali li tkun tikkonforma ma' kriterji objettivi biex wieħed jiddetermina li għandha tkun miżmuma sigrieta kif miftiehem bejn it-tmexxija ċentrali u l-Korp Negozjatur Speċjali, il-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa jew ir-rappreżentanti ta' l-impjegati għall-proċedura ta' informazzjoni u konsultazzjoni.

Harsien tar-Rappreżentanti ta' l-Impjegati

10. (1) Membri tal-Korp Negozjatur Speċjali jew membri tal-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa jew ta' xi korp ieħor imwaqqaf bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandhom, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, igawdu l-istess protezzjoni bħalma jgawdi rappreżentant ta' l-impjegati skond l-artikolu 36(14) (a) ta' dan l-Att.

(2) Dawk il-membri msemmija fis-subparagrafu preċedenti għandu jkollhom il-permess jattendu kull laqgħa tal-Korp Negozjatur

Speċjali, tal-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa jew xi laqgħa oħra fil-kuntest tal-ftehim imsemmi fir-regolament 7(2) u għandhom jitħallsu l-paga tagħhom tul il-perjodu ta' assenza mill-post tax-xogħol tagħhom skond ma jkun meħtieġ biex ikunu jistgħu jaqdu dmirijiethom konformement ma' dawn ir-regolamenti.

Drittijiet eżistenti ta' l-impjegati.

11. Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal xi drittijiet eżistenti għal informazzjoni u konsultazzjoni li l-impjegati jista' jkollhom bis-saħħa ta' leġislazzjoni eżistenti.

Ftehim eżistenti.

12. (1) L-obbligi li jirriżultaw minn dawn ir-regolamenti m'għandhomx ikunu japplikaw għal intrapriżi ta' skala Komunitarja jew għal gruppi ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja li dwarhom, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, diġà kien hemm ftehim li jkopri l-forza tax-xogħol kollha u li jipprovdi għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni transnazzjonali ta' l-impjegati.

(2) Meta kull tali ftehim imsemmi fis-subregolament preċedenti jiskadi, il-partijiet f'kull ftehim bħal dak jistgħu jiftiehmu bejniethom biex iġedduhom, iżda, fin-nuqqas ta' xi ftehim bil-miktub bħal dak, għandhom jibdew il-proċess biex iwaqqfu Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa kif imsemmi f'dawn ir-regolamenti.

Infurzar.

13. Persuna li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi obbligazzjoni imposta fuq dik il-persuna taħt dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel -

(a) multa ta' mhux inqas minn 10 liri u mhux iżjed minn ħamsin lira għal kull impjegat ta' intrapriża ta' skala Komunitarja jew ta' grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja skond il-każ jekk it-tmexxija ċentrali tonqos milli:

(i) tipprovdi informazzjoni dwar in-numru ta' impjegati jew l-*istatus* ta' l-impjegati għall-finijiet tar-regolament 4, jew li xjentament tostakola jew iddewwem l-għoti ta' dik l-informazzjoni, jew

(ii) twaqqaf, jew twaqqaf b'mod sħiħ, Korp Negozjatur Speċjali, Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa jew proċedura ta' informazzjoni u konsultazzjoni skond xi ftehim milħuq konformement mar-regolament 7,

(iii) tikkonforma ruħha mal-ħtiġiet imsemmija fir-regolament 8;

(b) fir-rigward ta' kull reat ieħor, multa ta' mhux inqas minn ħames mitt lira u mhux iżjed minn ħamest elef lira.

SKEDA

(Regolament 8)

Ħtiġiet Sussidjarji

1. It-twaqqif, il-kompożizzjoni u l-kompetenza ta' Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa għandhom jitrieġu mir-regoli li ġejjin:

(1) Il-kompetenza tal-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa għandha tkun limitata għal informazzjoni u konsultazzjoni fuq materji li għandhom x'jaqsmu ma' l-intrapriża ta' skala Komunitarja jew grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja bħala ħaġa waħda jew mill-inqas għal tnejn mill-istabbilimenti jew intrapriżi tal-grupp sitwati fi Stati Membri differenti. Din id-disposizzjoni għandha tapplika kemm jekk it-tmexxija ċentrali tkun tinsab fi Stat Membru kemm jekk tkun tinsab x'imkien ieħor.

(2) Fil-każ ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja jew gruppi ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja msemmija fir-regolament 3(1)(b) u (ċ) ta' dawn ir-regolamenti, il-kompetenza tal-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa għandha tkun limitata għal dawk il-materji li għandhom x'jaqsmu ma' l-istabbilimenti jew organizzazzjonijiet ta' gruppi kollha li qegħdin fl-Istati Membri jew li mill-inqas għandhom x'jaqsmu ma' tnejn mill-istabbilimenti jew organizzazzjonijiet ta' gruppi sitwati fi Stati Membri differenti.

(3) Il-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa għandu jkun kompost minn impjegati ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja jew gruppi ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja eletti jew maħturin minn fosthom mir-rappreżentanti ta' l-impjegati jew, fl-assenza ta' dawn, mill-korp kollu ta' l-impjegati.

(4) (a) Il-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa għandu jkun magħmul minn minimu ta' tlieta u massimu ta' 30 membru.

(b) Meta d-daqs tiegħu jkun jippermetti, il-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa għandu jeleġġi kumitat magħżul minn fost il-membri tiegħu, li jkun fih mhux aktar minn tliet membri, biex jaġixxi f'isem il-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa.

(ċ) Salv dak li jissemma f'dawn ir-regolamenti, il-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu nnifsu.

(5) Fl-elezzjoni jew ħatra ta' membri għall-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa għandu jkun żgurat li:

(a) jkun hemm mill-inqas membru wieħed li jirrappreżenta lil kull Stat Membru li fih l-intrapriża ta' skala Komunitarja jkollha stabbiliment

wieħed jew aktar jew li fih il-grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja jkollu l- intrapriża li tikkontrolla jew wieħed jew aktar mill-intrapriżi kkontrollati;

(b) membri addizzjonali jkunu eletti għall-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa skond il-kriterji li ġejjin:

(i) meta jkun applikabbli, siġġu addizzjonali wieħed għal kull Stat Membru fejn tkun impjegata mill-inqas 25% iżda inqas minn 50% tal-forza tax-xogħol;

(ii) żewġ siġġijiet addizzjonali minn kull Stat Membru fejn tkun impjegata mill-inqas 50% iżda inqas minn 75% tal-forza tax-xogħol;

(iii) tliet siġġijiet addizzjonali għal kull Stat Membru fejn 75% jew aktar tal-forza tax-xogħol hija impjegata.

(6) It-tmexxija ċentrali u kull livell ieħor ta' tmexxija aktar adattat għandu jkun infurmat mill-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa bil-kompożizzjoni tiegħu.

(7) Il-membri Maltin tal-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa għandhom ikunu impjegati Maltin u għandhom ikunu eletti jew maħturin skond il-proċedura mfissra fir-regolament 6.

(8) (a) Erba' snin wara d-data minn meta jkun twaqqaf il-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa għandu jiġi eżaminat jekk jinfetħux negozjati għall-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fir-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti jew jekk għandhomx ikomplu japplikaw l-ħtiġiet sussidjari adottati skond din l-Iskeda.

(b) Regolamenti 7 u 8 għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, jekk deċiżjoni tkun ittieħdet biex ikun negozjat ftehim skond ir-regolament 7, f'liema każ minflok "Korp Negozjatur Speċjali" għandu jidħol "Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa".

2. (1) Il-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa għandu jkollu d-dritt jiltaqa' mat-tmexxija ċentrali darba fis-sena biex ikun infurmat u kkonsultat, fuq il-bażi ta' rapport imfassal mit-tmexxija ċentrali, fuq il-progress tan-negozju ta' l-intrapriżi ta' skala Komunitarja jew grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja u l-prospetti tagħhom, u dawk li jmexxu fil-lokalitajiet għandhom ikunu infurmati b'dan.

(2) Il-laqgħa msemmija fil-paragrafu preċedenti għandha tkun, b'mod partikolari, dwar l-istruttura, is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja, l-iżvilupp probabbli tan-negozju u tal-produzzjoni u l-bejgħ, is-sitwazzjoni u x-xejra probabbli ta' l-impjiegi, l-investimenti, u bidliet sostanzjali li għandhom x'jaqsmu ma' l-organizzazzjoni, l-introduzzjoni ta' metodi tax-xogħol ġodda jew proċessi ta' produzzjoni ġodda, it-trasferiment ta' produzzjoni, fużjonijiet, tnaqqis ta' ħaddiema jew għeluq ta' intrapriżi, stabbilimenti jew ta' partijiet importanti tagħhom, u sensji kollettivi.

3. (1) Meta jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jolqtu l-interessi ta' l-impjegati b'mod konsiderevoli, partikolarment f'każ ta' riallokazzjonijiet, l-għeluq ta' stabbilimenti jew intrapriżi jew sensji kollettivi, il-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa għandu jkollu d-dritt li jkun infurmat.

(2) Il-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa għandu jkollu d-dritt li jiltaqa', fuq talba tiegħu stess, mat-tmexxija ċentrali jew ma' xi livell ta' tmexxija aktar adatt f'intrapriża ta' skala Komunitarja jew grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja li għandhom is-setgħa li jiddeċiedu huma stess, biex ikun infurmat u kkonsultat fuq miżuri li jolqtu b'mod sinifikanti l-interessi ta' l-impjegati.

(3) Dawk il-membri tal-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa li jkunu ġew eletti jew maħturin mill-istabbilimenti u, jew organizzazzjonijiet li huma milqutin direttament mill-miżuri in kwistjoni għandu jkollhom ukoll id-dritt li jipparteċipaw fil-laqgħa organizzata mal-kumitat magħżul.

(4) Il-laqgħa ta' informazzjoni u konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti għandha ssir kemm jista' jkun malajr fuq il-bażi ta' rapport imfassal mit-tmexxija ċentrali jew minn xi livell adatt ieħor ta' tmexxija ta' l-intrapriża ta' skala Komunitarja jew grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja, li dwaru tista' tingħata opinjoni fi tmiem il-laqgħa jew fi żmien raġonevoli:

Iżda l-prerogattivi tat-tmexxija ċentrali ma għandhomx ikunu ppreġudikati meta ssir din il-laqgħa.

4. Il-partijiet preżenti għal-laqgħa msemmija fil-paragrafu 2 ta' din l-Iskeda għandhom jaqblu fuq kif imexxu l-proċedura waqt il-laqgħa msemmija u f'każ ta' nuqqas ta' qbil allura l-partijiet għandhom imexxu l-laqgħa alternattivament u jistabbilixxu l-proċedura tagħha.

5. Qabel kull laqgħa mat-tmexxija ċentrali, il-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa jew il-kumitat magħżul, fejn meħtieġ imkabbar skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3(3), ikun intitolat jiltaqa' bla ma tkun preżenti t-tmexxija involuta.

6. Mingħajr preġudizzju għar-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti, il-membri tal-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa għandhom jinfurmaw lill-impjegati ta' l-istabbilimenti jew ta' l-intrapriża ta' grupp ta' intrapriżi ta' skala Komunitarja jew, fl-assenza ta' rappreżentanti, lill-forza tax-xogħol bħala totalità, bil-kontenut u r-riżultat tal-proċedura ta' informazzjoni u konsultazzjoni li tkun saret skond din l-Iskeda.

7. Il-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa jew il-kumitat magħżul jista' jkun megħjun minn esperti magħżulin minnu, safejn dan hu meħtieġ biex jagħmel l-attivitajiet tiegħu.

8. (1) L-ispejjeż tal-ħidma tal-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa għandhom jinħarġu mit-tmexxija ċentrali li għandha tipprovdi lill-membri tal-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa dawk ir-riżorsi finanzjarji u materjali li jippermettulhom jaqdu dmirijiethom b'mod xieraq.

(2) B'mod partikolari, l-ispejjeż ta' l-organizzazzjoni ta' laqgħat u arranġamenti għal faċilitajiet ta' interpretazzjoni u l-ispejjeż ta' akkomodazzjoni u vvjaġġar tal-membri tal-Kunsill għax-Xogħol fl-Ewropa tal-kumitat magħżul tiegħu għandhom jinħarġu mit-tmexxija ċentrali sakemm ma jkunx miftiehem xort' oħra.